# Solennitajiet tal-Mulej fiż-Żmien ta' Matul is-Sena

**Ħadd wara Għid il-Ħamsin**

# It-Trinità Qaddisa

**Solennità**

## Qari I

***Il-Mulej hu tassew Alla kemm fil-għoli tas-sema kif ukoll hawn isfel fl-art, u m'hawnx ieħor għajru.***

Dewt 4, 32-34.39-40

**Qari mill-Ktieb tad-Dewteronomju**

Mosè kellem lill-poplu u qal: [32]«Staqsi liż-żminijiet tal-imgħoddi,
iż-żminijiet ta' qabel, sa minn mindu Alla ħalaq il-bniedem fuq l-art,
fittex minn tarf għall-ieħor tas-sema, u ara kienx hemm ġrajja hekk
kbira bħal din, jew qattx instemgħet oħra bħalha. [33]Qatt kien hemm
poplu li sama' leħen Alla jitkellem minn ġon-nar - bħalma smajt int
- u baqa' ħaj?

[34]Jew qatt xi alla fittex li jagħżel għalih poplu minn fost poplu ieħor
b'tiġrib, b'sinjali, b'għeġubijiet, b'taqbid, b'id qawwija u bi driegħ
merfugħ, b'għemejjel kbar tal-biża', bħalma għamel għalik quddiem
għajnejk fl-Eġittu l-Mulej, Alla tiegħek?

[39]Mela, kun af illum, u żommha f'moħħok, li l-Mulej hu tassew Alla,
kemm fl-għoli tas-sema kemm hawn isfel fuq l-art, u li ma hawnx
ieħor għajru. [40]Ħares, għalhekk, l-ordnijiet u l-kmandamenti tiegħu
li se nagħtik illum biex ikollok riżq, int u wliedek warajk, ħalli tgħix
żmien twil fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik għal dejjem.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 32 (33), 4-5.6.9.18-19.20.22

℟. (12b): Hieni l-poplu li l-Mulej għażel b'wirtu

4 Sewwa hi l-kelma tal-Mulej,
kollox bil-fedeltà huwa għamel.
5 Hu jħobb id-dritt u s-sewwa;
bit-tjieba tal-Mulej mimlija l-art. ℟.

6 Bil-kelma tal-Mulej saru s-smewwiet,
u b'nifs fommu t-tiżjin kollu tagħhom.
9 Għax hu tkellem, u kollox sar;
hu ordna, u kollox seħħ. ℟.

18 Ara, għajnejn il-Mulej fuq dawk li jibżgħu minnu,
fuq dawk li jittamaw fit-tjieba tiegħu,
19 biex jeħilsilhom mill-mewt ħajjithom,
u jaħjihom fi żmien il-ġuħ. ℟.

20 Ruħna tixxennaq għall-Mulej,
hu l-għajnuna u t-tarka tagħna.
22 Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna,
kif fik hi t-tama tagħna. ℟.

# Qari II

*Irċevejtu l-Ispirtu tal-adozzjoni ta' wlied Alla.*

Rum 8, 14-17

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, 14dawk kollha li jmexxihom l-Ispirtu ta' Alla huma wlied Alla.
15Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex
terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom
ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: «Abbà! Missier!»

16Dan l-Ispirtu jixhed flimkien mal-ispirtu tagħna li aħna wlied Alla.
17Jekk aħna wlied, aħna wkoll werrieta, werrieta ta' Alla, werrieta ma'
Kristu: ladarba aħna nbatu miegħu, biex miegħu nkunu gglorifikati.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Apok 1, 8

Hallelujah. R/. Hallelujah
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,
lil Alla li hu, u li kien u li għad irid jiġi.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Għallmu u għammdu fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.*

Mt 28, 16-20

**Għeluq tal-Evanġelju skont San Mattew**

F'dak iż-żmien, [16]il-ħdax-il dixxiplu telqu lejn il-Galilija u marru fuq
il-muntanja fejn kien ordnalhom Ġesù.

[17]Kif rawh, inxteħtu quddiemu, għalkemm xi wħud iddubitaw.

[18]Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: «Lili ngħatat kull setgħa
fis-sema u fl-art. [19]Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha,
u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu,
[20]u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena
magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

**Ħadd wara it-Trinità Qaddisa**

# It-Tifkira tal-Ġisem u tad-Demm ta’ Kristu

## Qari I

*Hawn hu d-demm tal-Patt li l-Mulej għamel magħkom.*

Eż 24, 3-8

**Qari mill-Ktieb tal-Eżodu**

F’dak iż-żmien, [3]Mosè niżel jgħid lill-poplu kulma qallu l-Mulej
u kulma ordnalu. Il-poplu wieġeb b’leħen wieħed u qal: «Kulma
qalilna l-Mulej nagħmluh.»

[4]Mosè kiteb il-kliem kollu tal-Mulej, u filgħodu qam, bena artal
taħt il-muntanja, u waqqaf tnax-il plier għat-tnax-il tribù ta’ Iżrael.
[5]Imbagħad bagħat xi żgħażagħ minn ulied Iżrael biex joffru sagrifiċċji
u joqtlu għoġiela bħala sagrifiċċji tas-sliem lill-Mulej.

[6]Mosè ħa nofs id-demm u qiegħdu fi bwieqi, u xerred in-nofs l-ieħor
fuq l-artal. [7]Imbagħad ħa l-ktieb tal-patt, u qara minnu hekk li seta’
jisimgħu l-poplu. U huma qalu: «Kulma qalilna l-Mulej nagħmluh, u
nisimgħu minnu.»

[8]Mosè mbagħad ħa d-demm u, hu u jroxxu fuq il-poplu, qal: «Hawn
hu d-demm tal-patt li l-Mulej għamel magħkom skont dan il-kliem
kollu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 115 (116), 12-13.15.16bċ.17-18

℟. (13): Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni,
u isem il-Mulej insejjaħ

12 Xi rrodd lill-Mulej
għall-ġid kollu li għamel miegħi?
13 Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni,
u isem il-Mulej insejjaħ. ℟.

15 Għażiża f’għajnejn il-Mulej
hi l-mewt tal-ħbieb tiegħu.
16 Jien qaddej tiegħek, bin il-qaddejja tiegħek.
Int ħallejtli l-irbit tiegħi. ℟.

17 Lilek noffri sagrifiċċju ta’ radd il-ħajr,
u isem il-Mulej insejjaħ.
18 Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi,
quddiem il-poplu tiegħu kollu. ℟.

# Qari II

***Id-demm ta' Kristu jnaddaf il-kuxjenza tagħna.***

Lhud 9, 11-15

## Qari mill-Ittra lil-Lhud

Ħuti, [11]Kristu ġie bħala l-qassis il-kbir tal-ġid li diġà ġie. Hu daħal
minn tinda aqwa u aktar perfetta li mhijiex maħduma b'idejn
il-bnedmin, jiġifieri mhijiex ħolqien ta' din l-art; [12]hu daħal darba
għal dejjem fis-Santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u
tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, u hekk kiseb fidwa
għal dejjem.

[13]Jekk id-demm tal-mogħoż u tal-gniedes u l-irmied tal-għoġla
mraxxax fuq dawk li huma mniġġsa jista' jqaddishom billi jagħtihom
l-indafa tal-ġisem, [14]kemm aktar id-demm ta' Kristu, li bl-Ispirtu ta'
dejjem offra lilu nnifsu vittma safja lil Alla, jista' jnaddaf il-kuxjenza
tagħkom mill-għemil mejjet biex taqdu lil Alla ħaj!

[15]U għalhekk hu medjatur ta' patt ġdid, testment ġdid, biex, wara
li seħħet il-mewt għall-fidwa tal-ħtijiet li saru fi żmien il-patt ta'
qabel, dawk li huma msejħa minn Alla jiksbu l-wirt ta' dejjem li hu
wegħedhom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Sekwenza

*Is-sekwenza tista' ma tingħadx. Tista' wkoll tingħad fil-forma l-qasira li tibda: Dan ħobż l-Anġli, magħmul ikel.*

Faħħar, Sijon, lill-Feddej,
ir-ragħaj tiegħek u l-mexxej,
bl-innijiet u bl-għana.

*Lauda Sion Salvatorem,*
*lauda ducem et pastorem,*
*in hymnis et canticis.*

Ibqa' faħħru daqs kemm tista',
għax Hu 'l fuq minn kull tifħir,
qatt ma tfaħħru kemm jistħoqqlu.

*Quantum potes, tantum aude:*
*quia maior omni laude,*
*nec laudare sufficis.*

Għat-tifħir ħaġa tal-għaġeb,
il-ħobż ħaj li jagħti l-ħajja,
hawn quddiemna f'dan il-jum.

*Laudis thema specialis,*
*panis vivus et vitalis*
*hodie proponitur.*

Dak il-ħobż li fuq il-mejda,
lill-appostli fl-ikla mqaddsa,
kien ingħata biex jikluh.

*Quem in sacrae mensa cenae,*
*turbae fratrum duodenae*
*datum non ambigitur.*

Ikun sħiħ it-tifħir tiegħek,
b'qalb ferrieħa, b'leħen għoli,
ikun jixraq ferħ ir-ruħ.

*Sit laus plena, sit sonora,*
*sit iucunda, sit decora*
*mentis iubilatio.*

Għax dal-jum ta' festa kbira,
ta' dik l-ikla hu t-tifkira,
meta saret l-ewwel darba.

*Dies enim sollemnis agitur,*
*in qua mensae prima recolitur*
*huius institutio.*

F'dina l-ikla s-Sultan tagħna,
l-Għid il-ġdid tal-liġi l-ġdida,
temm għal kollox l-Għid qadim.

*In hac mensa novi Regis,*
*novum Pascha, novae legis,*
*phase vetus terminat.*

| | |
|---|---|
| Il-qadim twarrab mill-ġdid,<br>dak li hu ġie flok ix-xbieha,<br>id-dawl biegħed dlam il-lejl. | *Vetustatem novitas,<br>umbram fugat veritas,<br>noctem lux eliminat.* |
| Dak li twettaq fl-aħħar ċena,<br>Kristu ried jibqa' jiġġedded,<br>biex ikun tifkira tiegħu. | *Quod in cena Christus gessit,<br>faciendum hoc expressit<br>in sui memoriam.* |
| Imgħallmin b'tagħlim imqaddes,<br>nibdlu l-ħobż u l-inbid tagħna<br>b'sagrifiċċju għas-saħħa tagħna. | *Docti sacris institutis,<br>panem, vinum in salutis<br>consecramus hostiam.* |
| Twemmin ġdid lilna l-insara,<br>li dal-ħobż jinbidel f'Ġisem,<br>u l-inbid jinbidel f'Demm. | *Dogma datur christianis,<br>quod in carnem transit panis,<br>et vinum in sanguinem.* |
| Dak li ma tarax jew tifhem,<br>it-twemmin isaħħu u jwettqu,<br>fuq kull ordni tan-natura. | *Quod non capis, quod non vides,<br>animosa firmat fides,<br>praeter rerum ordinem.* |
| Taħt xbihat fejn aħna nilmħu<br>mhux il-ħajja, imma sinjali,<br>jinħbew ħwejjeġ hekk għeżież. | *Sub diversis speciebus,<br>signis tantum et non rebus,<br>latent res eximiae.* |
| Ikel Ġismu, xorb hu Demmu;<br>iżda Kristu sħiħ hemm moħbi<br>taħt kull waħda mix-xbihat. | *Caro cibus, sanguis potus:<br>manet tamen Christus totus<br>sub utraque specie.* |
| Sħiħ jittiekel Kristu kollu,<br>bla jitkisser, bla jitfarrak,<br>bla jinqasam minn min jieħdu. | *A sumente non concisus,<br>non confractus, non divisus:<br>integer accipitur.* |

| | |
|---|---|
| Jieklu elf u jiekol wieħed,<br>kemm ħa dan, hekk jieħdu huma,<br>bla jintemm meta jittiekel. | *Sumit unus, sumunt mille:*<br>*quantum isti, tantum ille:*<br>*nec sumptus consumitur.* |
| Jieklu t-tajba, jieklu l-ħżiena;<br>imma 'l dawk iġib il-ħajja,<br>lil dawn jixħet fit-telfien. | *Sumunt boni, sumunt mali:*<br>*sorte tamen inaequali,*<br>*vitae vel interitus.* |
| Mewt għall-ħżiena, ħajja għat-tajba<br>ara kif jinbidel fihom,<br>għalkemm jieħdu l-istess ikel. | *Mors est malis, vita bonis:*<br>*vide paris sumptionis*<br>*quam sit dispar exitus.* |
| Meta l-Ostja tkun maqsuma,<br>la tibżax, imm'inti ftakar,<br>taħt ix-xbieha ta' kull farka<br>hemm jinsab daqs fl-Ostja sħiħa. | *Fracto demum sacramento,*<br>*ne vacilles, sed memento*<br>*tantum esse sub fragmento,*<br>*quantum toto tegitur.* |
| Ebda ksur ma jsir fi Kristu;<br>biss ix-xbieha tkun miksura:<br>u b'dal-ksur xejn ma jitnaqqas<br>f'Dak li hu taħt din ix-xbieha. | *Nulla rei fit scissura:*<br>*signi tantum fit fractura,*<br>*qua nec status, nec statura*<br>*signati minuitur.* |

* * *

| | |
|---|---|
| Dan ħobż l-anġli, magħmul ikel<br>għall-bnedmin fit-triq tal-ħajja,<br>ikel bnin għall-ulied kollha,<br>li m'għandux fix-xejn jintrema. | *Ecce panis angelorum,*<br>*factus cibus viatorum:*<br>*vere panis filiorum,*<br>*non mittendus canibus.* |
| Bi xbihat kien ilu mħabbar,<br>f'dik l-offerta ta' Iżakk,<br>fil-ħaruf li nqatel fl-Għid,<br>u fil-manna tad-deżert. | *In figuris praesignatur,*<br>*cum Isaac immolatur,*<br>*agnus Paschae deputatur,*<br>*datur manna patribus.* |

Int ragħaj tajjeb, ħobż tassew,
Ġesù tagħna, ħenn għalina;
Int itmagħna u ħarisna:
Inti lilna l-ġid urina
fl-art imbierka tal-ħajjin.

*Bone pastor, panis vere,*
*Iesu, nostri miserere:*
*Tu nos pasce, nos tuere,*
*Tu nos bona fac videre*
*in terra viventium.*

Int li taf u tista' kollox,
li titmagħna hawn f'dil-ħajja,
hemm agħmilna lkoll imsieħba,
f'għaqda waħda lkoll werrieta
mal-qtajjiet tal-qaddisin.

*Tu qui cuncta scis et vales,*
*qui nos pascis hic mortales:*
*tuos ibi commensales,*
*coheredes et sodales*
*fac sanctorum civium.*

Ammen. Hallelujah.

*Amen. Alleluia.*

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 6, 51

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema, jgħid il-Mulej;
jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Dan hu ġismi. Dan hu demmi.*

Mk 14, 12-16.22-26

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark

12 Fl-ewwel jum tal-Ażżmi, meta kienu jissagrifikaw il-ħaruf tal-Għid,
id-dixxipli tiegħu qalu lil Ġesù: «Fejn tridna mmorru nħejju biex
tiekol l-ikla tal-Għid?«

13 Imbagħad hu bagħat tnejn mid-dixxipli tiegħu u qalilhom: «Morru
l-belt, u tiltaqgħu ma’ raġel iġorr ġarra ilma. Morru warajh, 14 u għidu
lil sid id-dar ta’ fejn tarawh dieħel, “Qallek l-Imgħallem: Fejn hi
l-kamra tiegħi li fiha nista’ niekol l-ikla tal-Għid mad-dixxipli tiegħi?”
15 U hu jurikom kamra kbira fuq, imgħammra u lesta. Ħejjulna
hemmhekk.»

16 U d-dixxipli marru u daħlu fil-belt, u sabu kollox kif kien qalilhom
hu; u ħejjew l-ikla tal-Għid.

22 Huma u jieklu, ħa l-ħobż f’idejh, qal il-barka, qasmu,
newwilhulhom u qal: «Ħudu, dan hu ġismi.» 23 Imbagħad ħa kalċi
f’idejh, radd il-ħajr, u newwilhulhom, u lkoll xorbu minnu. 24 U
qalilhom: «Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għal
ħafna. 25 Tassew ngħidilkom, li ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja
sa dak in-nhar li nixrob inbid ġdid fis-Saltna ta’ Alla.»

26 Imbagħad kantaw is-salmi u ħarġu lejn l-Għolja taż-Żebbuġ.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

**Nhar il-Ġimgħa fuq it-Tieni Ħadd Wara Għid il-Ħamsin**

# Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù

**Solennità**

## Qari I

*Daret għalija qalbi.*

Hos 11, 1.3-4.8ċ-9

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Hosegħa**

Dan jgħid il-Mulej:
1 Meta kien tfajjel Iżrael ħabbejtu,
u mill-Eġittu sejjaħt lil ibni.

3 Kont jien li 'l Efrajm għallimtu jimxi,
irfajthom fuq dirgħajja,
iżd'huma m'għarfux kemm kont ħadt ħsiebhom!

4 Bi ħbula ta' bnedmin jien ġbidthom,
b'rabtiet ta' mħabba;
u kont għalihom bħal min jerfa' tarbija ma' ħaddejh,
u lejha mmil nitmagħha.

8 Daret għalija qalbi,
tqanqlet bil-bosta ħnienti.
9 Le, ma nħaddimx il-korla mħeġġa tiegħi;
le, ma nerġax inġib fix-xejn 'l Efrajm,
għax Alla jien, u mhux bniedem,
jien f'nofsok il-Qaddis;
jien ma niġix biex neqred.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Is 12, 2-3.4bċd. 5-6

R/. (3): Kollkom ferħana timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni

2 Ara, Alla s-salvazzjoni tiegħi,
jiena nittama u ma jkollix mniex nibża'.
Għax qawwieti u għanjieti hu l-Mulej,
għalija sar is-salvazzjoni.
3 Kollkom ferħana
timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni. R/.

4 Roddu ħajr lill-Mulej, sejħu ismu,
għarrfu lill-ġnus bl-għemejjel tiegħu,
xandru li ismu huwa fl-għoli. R/.

5 Għannu lill-Mulej għax għamel ħwejjeġ kbar;
ħa jkun dan magħruf mal-art kollha.
6 Aqbeż bil-ferħ, għanni,
int li tgħammar f'Sijon,
għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael. R/.

# Qari II

*Kunu afu li l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf.*

Efes 3, 8-12.14-19

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

Ħuti, [8]lili, l-iżgħar fost il-qaddisin kollha, ingħatatli din il-grazzja li
nxandar fost il-pagani l-Evanġelju tal-għana ta' Kristu, għana li ebda
moħħ ma jista' jifhmu, [9]u li noħroġ għad-dawl quddiem kulħadd kif
Alla temm il-pjan tal-misteru, li kien moħbi sa minn dejjem f'Alla li
ħalaq kollox. [10]B'hekk l-għerf ta' Alla, għerf ta' kull xorta ta' mezzi,
ikun issa mgħarraf permezz tal-Knisja lill-Prinċpijiet u lis-Setgħat
tas-sema, [11]skont il-pjan li hu kien fassal sa minn dejjem fi Kristu
Ġesù Sidna. [12]Bih aħna għandna l-ħila nersqu permezz tal-fidi
tagħna fih.

Għalhekk [14]jiena ninżel għarkupptejja quddiem il-Missier [15]li minnu
tieħu isimha kull familja fis-sema u fl-art, [16]biex skont l-għana
tal-glorja tiegħu, jagħtikom li bil-qawwa tiegħu permezz tal-Ispirtu
tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, [17]u li Kristu jgħammar
f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba
u fuqha tibnu ħajjitkom. [18]B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien
mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond
tal-imħabba ta' Kristu; [19]tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu
tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

1 Ġw 4, 10b

Hallelujah. R/. Hallelujah
Alla ħabbna u bagħat lil Ibnu
biex ikun ta’ tpattija għal dnubietna.
R/. Hallelujah

*Jew*

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 11, 29ab

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni,
għaliex jiena ta’ qalb ħelwa u umli.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Nifidlu ġenbu b'lanza u minnufih ħareġ demm u ilma.***

Ġw 19, 31-37

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann

[31]Billi kien Jum it-Tħejjija tal-Għid, il-Lhud ma ridux li f'jum
is-Sibt l-iġsma jibqgħu fuq is-salib, għax dak is-Sibt kien jum solenni
għalihom. Talbu mela lil Pilatu biex jiksrulhom riġlejhom u jneħħu
l-iġsma.

[32]Għalhekk ġew is-suldati u kisru r-riġlejn tal-ewwel u tat-tieni
wieħed li kienu msallbin miegħu. [33]Iżda meta waslu għal Ġesù, billi
raw li kien ġa mejjet, ma kisrulux riġlejh. [34]Madankollu wieħed
mis-suldati nifidlu ġenbu b'lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma.

[35]Dan qiegħed jixhdu min ra b'għajnejh, u x-xhieda tiegħu hija
minnha. Hu jaf li qiegħed jgħid il-verità, biex intom ukoll temmnu.
[36]Għax dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid: «Ebda waħda minn
għadmu ma qasmulu.» [37]U hemm ukoll kitba oħra fl-Iskrittura li
tgħid: «Huma għad iħarsu lejn min nifdu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu